MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 92/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Josephine D’Amato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josephine D'Amato ta' 26 sena bint John u Maryrose nee Formosa mwielda Pieta' fil-11.5.1981 residenti 78 St. Dominic Street, Valletta ID 255981M

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Jannar, 2008 u fix-xhur ta' qabel dina d-data:

a) Kellha fil-pussess taghha id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellha fil-pussess taghha id-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet,

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati huma s-segwenti:

1. L-imputata giet arrestata flimkien ma' terza persuna, u l-Pulizija sabu diversi affarijiet relatati ma' l-uzu tad-droga fil-pussess tat-terza persuna, pero t-terza persuna hadet ir-responsabbilita ta' dawk l-affarijiet.
2. L-imputata giet interrogata u hija ammettiet li f'dik il-gurnata kienet abbuzat mid-droga cannabis u kienet bdiet tabbuza minn din id-droga xi xahar qabel.
3. L-imputata ammettiet ukoll li xahrejn qabel kienet abbuzat mid-droga herojina.
4. Hija ammettiet ukoll li hames snin qabel kienet abbuzat mid-droga kokajina.

L-unika prova kontra l-imputata hija l-istqarrija. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputata issottometta li din l-istqarrija ghandha tigi skartata, ghax ittiehdet fl-2008, fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju. Ghalhekk, qabel ma tiddeciedi fuq il-meritu, din il-Qorti se tikkonsidra fl-ewwel lok din is-sottomissjoni tad-difiza.

*Il-Kwistjoni sollevata mid-Difiza dwar l-Istqarrija tal-Imputata*

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali**, deciza fit-8 t'Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[1]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[2]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma

[1] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[2] Deciz fil-11 ta' April 2011.

jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[3]

Inoltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[4], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[6] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[7]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputata kellha 26 sena. Kienet diga xelfet difrejgha kemm-il darba mal-gustizzja, tant li mill-fedina penali taghha jirrizulta li kellha diga sitt (6) kundanni, erbgha (4) in konnessjoni ma' tlajjar ghall-prostituzzjoni, kundanna ghal sewqan traskurat u kundanna ohra ghal misapproprjazzjoni. Ghalhekk hija diga kellha esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija. L-imputata kienet mara matura u ma allegatx li kienet tbati minn xi forma ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment setghet tkun intimidata bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputata setghet stqarriet htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputata giet mgharrfa bid-dritt taghha li tibqa' siekta u ma twiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla setghet taghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn. Fil-fatt, l-

---

[3] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[4] *Per* Imhallef David Scicluna.
[5] *Per* Imhallef David Scicluna.
[6] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.

imputata ipprevalixxiet ruhha minn dan id-dritt taghha u ghazlet li ma twegibx ghal certi domandi li sarulha mill-ispettur.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrijiet ittiehdu fi Jannar 2008, kien biss fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, li l-imputata ssollevat il-kwistjoni li l-istqarrija taghha ittiehdet minghajr ma kellha assistenza legali. Matul dawn l-erba' snin, l-imputata qatt ma fittxet li tiehdu lura l-istqarrija taghha jew li tichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputata stess ma kinietx qieghda thosshha illi tqieghdet taht zvantagg ingust bl-istqarrija taghha li, wara kollox, ghamlitha liberament.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, gie verbalizzat hekk: *"Dr Henry Antoncich qed jezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' lil WPC 92 Stefania Baldacchino bhala xhud tal-istqarrija rilaxxjata minn Josephine Attard ID 25581)."*[8] Dan il-verbal jista' biss ifisser, li d-difiza ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta tal-istqarrija u konsegwentement ma kellhiex bzonn tisma' xhieda fir-rigward. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputata.

[8] Ara fol. 17 tal-process. Meta ittiehdet l-istqarrija, l-isem l-imputata fuq il-karta tal-identita kien Josephine Attard, pero in-numru tal-karta tal-identita huwa l-istess. (ara xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma a fol. 20 tal-process.)

[9] *Per* Imhallef David Scicluna.

*Il-Meritu*

L-imputata hija akkuzata li *"fit-22 ta' Jannar 2008 w fix-xhur ta' qabel din id-data"* kellha fil-pussess taghha id-drogi eroina, kokajina u cannabis.

Issa mill-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li kienet ilha xahar tabbuza mid-droga cannabis u li kienet abbuzat mid-droga eroina xaharejn qabel. Ghalhekk l-abbuz ta' dawn iz-zewg drogi jaqa' fil-parametri tal-perjodu ta' zmien imsemmi fl-imputazzjoni, u konsegwentement hija hatja tar-reat ta' pussess semplici ta' dawn iz-zewg drogi.

Pero fir-rigward tad-droga kokajina, l-imputata qalet li hija kienet hadet darba hames snin qabel l-interrogatorju. Ghalhekk huwa car li l-pussess tad-droga kokajina ma jaqax fil-perjodu ta' zmien imsemmi fl-imputazzjoni, u ghalhekk l-imputata se tigi liberata minn din l-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata kkoperat mal-Pulizija.

Pero mill-fedina penali aggornata tal-imputata jirrizulta li hija ghandha tnejn u tletin (32) kundanna minn dawn il-Qrati, li sitta u ghoxrin (26) minnhom in konnessjoni ma' tlajjar ghal prostituzzjoni, kundanna ghal sewqan traskurat, kundanna ghal misapproprjazzjoni u kundanna ghal pussess semplici tad-droga eroina u kokajina.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, fil-waqt li tiddikjara li l-imputata mhix hatja tat-tieni imputazzjoni (b) u qed tilliberaha minnha, issib lill-imputata hatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet (a) u (c) migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2015, b'dan li jekk l-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------